Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 111/21**
Il-Lussemburgu, 22 ta’ Ġunju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-719/19
Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

# Ċittadin tal-Unjoni li kien is-suġġett ta’ deċiżjoni ta’ tkeċċija jista’ jibbenefika minn dritt ta’ residenza ġdid fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti biss wara li jkun temm ir-residenza tiegħu f’dan it-territorju b’mod reali u effettiv

*Fil-fatt, tali deċiżjoni ta’ tkeċċija ma hijiex eżegwita b’mod sħiħ minħabba s-sempliċi fatt li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni telaq fiżikament mill-imsemmi territorju fit-terminu li l-imsemmija deċiżjoni tistabbilixxi għat-tluq volontarju tiegħu*

Permezz ta’ deċiżjoni tal-1 ta’ Ġunju 2018, l-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar ’il quddiem is-“Segretarju tal-Istat”) ikkonstata li FS, ta’ nazzjonalità Pollakka, kellu residenza irregolari fit-territorju Olandiż, peress li ma kienx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38 [1], dwar id-dritt ta’ residenza ta’ iktar minn tliet xhur, u ordnalu jitlaq mit-territorju Olandiż. Permezz ta’ deċiżjoni tal-25 ta’ Settembru 2018 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni ta’ tkeċċija”), is-Segretarju tal-Istat iddikjara infondat l-ilment li FS kien ressaq kontra d-deċiżjoni preċedenti. Huwa ffissa terminu ta’ erba’ ġimgħat għal tluq volontarju – li kien jiskadi fit-23 ta’ Ottubru 2018 – li lil hinn minnu FS seta’ jitkeċċa minħabba r-residenza irregolari tiegħu.

Fi kwalunkwe każ, FS telaq mill-Pajjiżi l-Baxxi mhux iktar tard mit-23 ta’ Ottubru 2018, għaliex il-pulizija Ġermaniża arrestatu f’dik id-data għal serq fil-ħwienet. FS iddikjara li jirrisjedi fil-Ġermanja, viċin il-fruntiera Olandiża. Barra minn hekk, huwa indika li, minħabba d-dipendenza tiegħu fuq il-marijuana, huwa kien imur fil-Pajjiżi l-Baxxi kuljum sabiex jixtriha. Fit-22 ta’ Novembru 2018, huwa ġie arrestat f’supermarket li jinsab fil-Pajjiżi l-Baxxi għal serq. Wara l-arrest tiegħu u t-tqegħid tiegħu f’detenzjoni tal-pulizija, is-Segretarju tal-Istat poġġa lil FS f’detenzjoni amministrattiva sabiex jitkeċċa lejn il-pajjiż ta’ oriġini tiegħu. Din id-deċiżjoni kienet motivata mir-riskju li FS jaħrab mill-kontroll tal-barranin u jevita jew jostakola l-preparazzjoni tat-tluq jew tal-proċedura ta’ tkeċċija.

Permezz ta’ sentenza mogħtija f’Diċembru 2018, ir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Groningen (il-Qorti Distrettwali ta’ Den Haag, sedenti fi Groningen, il-Pajjiżi l-Baxxi) ċaħdet bħala infondat ir-rikors ippreżentat minn FS kontra d-deċiżjoni ta’ detenzjoni. FS appella minn din is-sentenza quddiem ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi), il-qorti tar-rinviju. Din il-qorti tirrileva li d-deċiżjoni ta’ tkeċċija adottata fil-konfront ta’ FS hija deċiżjoni ta’ tkeċċija fis-sens tal-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar ir-residenza [2]. Skont din l-istess qorti, il-legalità tat-tqegħid f’detenzjoni ta’ FS wara r-ritorn tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi tiddependi mill-kwistjoni dwar jekk kienx jibbenefika mill-ġdid minn dritt ta’ residenza ġdid fid-data ta’ din it-tqegħid f’detenzjoni. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna tagħti deċiżjoni dwar iċ-ċirkustanzi li fihom ċittadin tal-Unjoni li kien is-suġġett ta’ deċiżjoni ta’ tkeċċija meħuda għal raġunijiet li ma humiex ta’ ordni pubbliku, ta’ sigurtà pubblika jew ta’ saħħa pubblika, jista’ jinvoka dritt ta’ residenza ġdid fl-Istat Membru ospitanti.

[1] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta’ l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta’ l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

[2] Din id-dispożizzjoni tipprevedi b’mod partikolari li ċerti proċeduri previsti fil-Kapitolu VI tal-istess direttiva, intitolat “Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta’ dħul u fuq id-dritt ta’ residenza minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika” (il-proċeduri previsti fl-Artikoli 30 u 31) japplikaw b’analoġija għal kull deċiżjoni li tillimita l-moviment liberu ta’ ċittadin tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja tiegħu meħuda għal raġunijiet li ma humiex raġunijiet ta’ ordni pubbliku, ta’ sigurtà pubblika jew ta’ saħħa pubblika.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li deċiżjoni ta' tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, adottata abbażi tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva "residenza", għar-raġuni li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkunx għadu jibbenefika minn dritt ta' residenza temporanja f'dan it-territorju bis-saħħa ta' din id-direttiva, ma hijiex eżegwita b'mod sħiħ minħabba s-sempliċi fatt li l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkun telaq fiżikament mill-imsemmi territorju fit-terminu li l-imsemmija deċiżjoni tistabbilixxi għat-tluq volontarju tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, sabiex jibbenefika minn dritt ta' residenza ġdid skont l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva fl-istess territorju, iċ-ċittadin tal-Unjoni li kien is-suġġett ta' tali deċiżjoni ta' tkeċċija għandu mhux biss ikun telaq fiżikament mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, iżda wkoll ikun temm ir-residenza tiegħu f'dan it-territorju b'mod reali u effettiv, b'tali mod li, fl-okkażjoni tar-ritorn tiegħu fl-imsemmi territorju, ma jistax jitqies li r-residenza tiegħu taqa', fir-realtà, fil-kontinwità tar-residenza preċedenti tiegħu fl-istess territorju.

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk is-sempliċi tluq fiżiku ta' ċittadin tal-Unjoni mill-Istat Membru ospitanti huwiex biżżejjed sabiex deċiżjoni ta' tkeċċija meħuda fil-konfront tiegħu skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-residenza tkun tista' titqies li ġiet eżegwita b'mod sħiħ. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-effetti *ratione temporis* ta' tali deċiżjoni ta' tkeċċija ma jirriżultawx mill-kliem ta' din id-direttiva. Sussegwentement, fid-dawl tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni u tal-kuntest tagħha, kif ukoll tal-għan ta' din id-direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-possibbiltà offruta lill-Istat Membru ospitanti li jkeċċi ċ-ċittadin tal-Unjoni li ma għadx għandu residenza regolari fit-territorju tiegħu taqa' taħt l-għan speċifiku previst mid-Direttiva dwar ir-residenza, li jikkonsisti f'li jiġi evitat li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom isiru piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti matul ir-residenza temporanja tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li interpretazzjoni li tikkonsisti f'li jiġi ddikjarat li s-sempliċi tluq fiżiku taċ-ċittadin tal-Unjoni huwa suffiċjenti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' tkeċċija twassal sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jinvoka diversi residenzi temporanji suċċessivi fi Stat Membru sabiex jirrisjedi hemmhekk, fir-realtà, b'mod permanenti, minkejja li tali ċittadin ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dritt ta' residenza permanenti previsti mid-Direttiva "residenza". Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali interpretazzjoni tkun inkoerenti mal-kuntest globali tad-Direttiva dwar ir-residenza, li pprevediet sistema gradwali f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, li twassal għad-dritt ta' residenza permanenti.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-għoti ta' terminu minimu ta' xahar li jibda jiddekorri mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni ta' tkeċċija sabiex din tiġi eżegwita [3], sa fejn jippermetti liċ-ċittadin inkwistjoni jipprepara t-tluq tiegħu, jimmilita favur l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-residenza fis-sens li l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' tkeċċija ssir meta dan iċ-ċittadin itemm b'mod reali u effettiv ir-residenza tiegħu f'dan it-territorju.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti indikazzjonijiet utli lill-qorti tar-rinviju sabiex hija tkun tista' tiddetermina, abbażi ta' evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża li hija adita biha, jekk iċ-ċittadin tal-Unjoni inkwistjoni temmx ir-residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti b'mod reali u effettiv, b'tali mod li d-deċiżjoni ta' tkeċċija li huwa s-suġġett tagħha tkun ġiet eżegwita b'mod sħiħ. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara qabelxejn li l-impożizzjoni fuq tali ċittadin, fil-każijiet kollha, li jassenta ruħu mill-Istat Membru ospitanti għal perijodu minimu, pereżempju ta' tliet xhur, sabiex ikun jista' jinvoka dritt ta' residenza ġdid fi Stat Membru, skont l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, tkun tissuġġetta l-eżerċizzju ta' dan id-dritt fundamentali għal limitazzjoni mhux prevista fit-Trattati u lanqas minn din id-direttiva. Madankollu, it-tul ta' żmien li din il-persuna għamlet barra mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' tkeċċija meħuda jista' jkollu ċerta importanza, peress li iktar ma tkun twila l-assenza tal-persuna kkonċernata mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, iktar din turi n-natura reali u effettiva tat-tmiem tar-residenza. Barra minn hekk, fost l-indikazzjonijiet utli l-oħra pprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar tenfasizza l-importanza tal-elementi kollha li juru ksur tar-rabtiet bejn iċ-ċittadin tal-

[3] Previst fl-Artikolu 30(3) tad-Direttiva dwar ir-residenza u applikabbli b'analoġija għal deċiżjoni meħuda abbażi tal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva.

Unjoni kkonċernat u l-Istat Membru ospitanti, bħax-xoljiment ta' kuntratt ta' kiri jew ċaqliq. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li r-rilevanza ta' tali elementi għandha tiġi evalwata mill-awtorità nazzjonali kompetenti fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni speċifika taċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-konsegwenzi tal-assenza ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' tkeċċija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li għalkemm minn tali verifika jirriżulta li ċ-ċittadin tal-Unjoni ma temmx ir-residenza temporanja tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti b'mod reali u effettiv, dan l-Istat Membru ma huwiex obbligat jadotta deċiżjoni ġdida ta' tkeċċija abbażi tal-istess fatti li jkunu taw lok għad-deċiżjoni ta' tkeċċija diġà meħuda kontra dan iċ-ċittadin, iżda jista' jibbaża ruħu fuq din l-aħħar deċiżjoni sabiex jobbliga lil dan tal-aħħar jitlaq mit-territorju tiegħu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li bidla materjali fiċ-ċirkustanzi li tippermetti liċ-ċittadin tal-Unjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar ir-residenza, dwar id-dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur, tkun iċċaħħad id-deċiżjoni ta' tkeċċija li huwa s-suġġett tagħha minn kull effett u timponi, minkejja n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tagħha, li r-residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat titqies regolari. Dwar il-possibbiltà, għal Stat Membru, li jivverifika jekk tali deċiżjoni ta' tkeċċija ġietx eżegwita b'mod sħiħ, minkejja l-limitazzjonijiet imposti mid-dritt tal-Unjoni għal tali kontrolli, ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-residenza huma intiżi li jippermettu lill-Istat Membru ospitanti li jiżgura li r-residenza temporanja taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra fit-territorju tiegħu ssir b'mod konformi ma' din id-direttiva [4]. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tistipula li deċiżjoni ta' tkeċċija meħuda fil-konfront ta' ċittadin tal-Unjoni, skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-residenza, ma tistax tiġi imposta kontrih meta, skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, li jipprevedi d-dritt ta' dħul fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, dan iċ-ċittadin imur regolarment f'dan it-territorju għal finijiet li ma jkunux ta' residenza hemmhekk.

---

**NOTA**: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[4] Dan japplika b'mod partikolari għall-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar ir-residenza, li jgħid li l-Istat Membru jista' jimponi fuq il-persuna kkonċernata li tindika l-preżenza tagħha fit-territorju tiegħu f'terminu raġonevoli u mhux diskriminatorju, u n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu tal-aħħar, bħal dak tal-obbligu ta' reġistrazzjoni, jista' jkun suġġett għal sanzjonijiet mhux diskriminatorji u proporzjonati.